**10 ta' Novembru, 1962.**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Emmanuele Abela

**Offiża għall-Pudur Publiku — "Probation".**

*Hu veru li hu mportanti li l-każijiet kollha adattati jiġu mqegħdin taħt "probation"; imma hu ugwalment importanti li l-ħati ma għandux jitqiegħed taħt "probation" meta l-fatti ma jiġġustifikawx dan il-provvediment.*

*Hekk fil-każ preżenti, fejn il-ħati kien ikkommetta offiża għall-pudur publiku, dan il-benefiċċju ġie lilu miċħud minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari.*

B'sentenza tagħha tal-4 ta' Ottubru 1962 il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet l-imputat ħati tar-reat kontinwat ta' offiża għall-pudur fil-publiku, u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien għaxart ijiem u għall-ħlas tal-multa ta' £10 titħallas b'rati mensili ta' £2;

L-imputat appella, u talab ir-riforma tas-sentenza biss kwantu għall-piena, fis-sens li talab il-liberazzjoni kondizzjonali, okkorrendo taħt "probation";

Trattat l-appell kif limitat, din il-Qorti kkunsidrat;

Sabiex tista' teżamina sewwa l-inċident tal-piena, il-Qorti semgħet mill-ġdid il-provi fil-meritu;

Wara li rriflettiet fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ, din il-Qorti hi tal-opinjoni li dan ma hux każ li jirrakkomanda ruħu għal ordni ta' "probation". Ma hemmx dubju li s-sistema tal-"probation" huwa istitut ta' "compassionate justice", ta' importanza u utilità ferm kbira għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u li jibbenefika mhux biss lill-"probationer", imma l-kommunità ntiera bħala "an instrument of imaginative justice"; imma, kif sewwa avverta Leo Page, f'waħda mil-konferrenzi li hu ta taħt l-awspiċji tal-"Clarke Hall Fellowship", intestata "The Probation System":— "Just as it is important that all suitable cases be put on probation, so it is equally important that offenders shall not be so treated when the facts do not justify that course, since the selection of unsuitable cases imposes an unfair burden on the probation officer, and tends to bring the system into disrepute";

Kif ingħad, il-Qorti hi ta' fehma li l-każ preżenti ma hux tali li jixraq li jingħata "probation order";

Kwantu għall-liberazzjoni kondizzjonali, il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni, kif għandha tagħmel skond it-test espress tal-art. 9 tal-Att XII tal-1957, iċ-ċirkustanzi tal-każ, inklużi x-xorta tar-reat u l-kondotta tal-appellant, li, "inter alia", ġa kommetta l-istess reat fl-1948 u kien ġie liberat taħt is-solita obligazzjoni, u wara li rriflettiet li mill-provi jidher li n-nies molestati ilhom ħafna jieħdu paċenzja bl-imputat (xh. Lawrence Caruana), u li rrapportaw proprju meta ma setgħux jagħmlu ħaġ'oħra ma jidhrilhiex li għandha tvarja l-piena li ġiet mogħtija mill-Ewwel Qorti;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.